31990D0254

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Mejju 1990

li tfassal il-kriterji għall-approvazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet ta' nissiela liema jistabbilixxu jew iżommu kotba tal-merħliet tan-nagħaġ u l-mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura.

(90/254/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE tat-30 ta' Mejju 1989 li tikkonċerna n-nagħaġ u l-mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4 tagħha,

Billi fl-Istati Membri kollha l-kotba tal-merħliet huma miżmuma jew stabbiliti mill-organizzazzjonijiet, assoċjazzjonijiet jew servizzi uffiċjali tan-nissiela; billi hu għalhekk neċessarju li jfasslu l-kriterja għall-approvazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tan-nissiela;

Billi l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet tan-nissiela jridu japplikaw għall-approvazzjoni uffiċjali għall-awtoritajiet ta' l-Istat Membru f'liema territorju għandhom il-kwartieri tagħhom;

Billi, fejn l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet tan-nissiela jridu jilħqu ċertu kriterji u jkollhom miri definiti, huma jridu jkunu approvati uffiċċjalment mill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru għal-liema huma japplikaw;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq iż-Żuteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Biex ikun approvat uffiċċjalment, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet tan-nissiela liema jżommu jew jistabbilixxu kotba tal-merħliet iridu jissottomettu applikazzjoni lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru f'liema territorju l-kwartieri tagħhom jinsabu.

Artikolu 2

1. L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru konċernat irid jagħti l-approvazzjoni uffiċjali lill-organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet liema jżommu jew jistabbilixxu merħliet tat-tgħammir jekk ta' l-aħħar jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

2. Madanakollu, fi Stat Membru f'liema bir-rigward ta' razza partikolari wieħed jew iżjed organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet ta' nissiela li diġà jeżistu, l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru konċernat jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta' nissiela ġdida jekk hi tkun ta' perikolu għall-preservazzjoni tar-razza jew tista' tfixkel l-programm żutekniku ta' l-assoċjazzjoni jew organizzazzjoni eżistenti. F'dan il-każ l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-approvazzjonijiet mogħtija jew ċaħdiet għar-rikonoxximent.

Artikolu 3

L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru konċernat għandu jirtira l-approvazzjoni uffiċjali minn kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta' nissiela li żżomm kotba tal-merħliet jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ma jissodisfawx iżjed f'manjiera konsistenti l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni tan-nissiela konċernati.

Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fiBrussel, fl-10 ta' Mejju 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 153, tas-6.6.1989. pġ. 30.

ANNESS

Biex ikun approvat uffiċċjalment, l-organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijet tan-nissiela li jżommu jew jistabbilixxu ktieb tal-merħla għandhom:

1. jkollhom personalità legali skond il-leġislazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni;

2. jipprovaw lill-awtoritajiet kompetenti:

   (a) li huma joperaw effiċjentement;

   (b) li huma jwettqu l-iċċekkjar neċessarju fuq il-*pedigrees* rikordjati;

   (ċ) li huma jkollhom merħla suffiċjentament kbira biex iwettqu programm imtejjeb ta' tgħammir, sa biex huma jkollhom merħla suffiċjentement kbira biex jippreservaw il-merħla fejn dan huwa kunsidrat neċessarju;

   (d) li huma jkunu jistgħu jagħmlu użu ta' data tal-kapaċità tal-bhejjem għat-twettiq tat-titjib tat-tgħammir jew tal-programm ta' preservazzjoni tagħhom;

3. jkollhom set ta' regoli li jkopru:

   (a) id-definizzjoni tal-karatteristiċi tat-tgħammir (jew tgħammiriet);

   (b) is-sistema ta' identifikazzjoni ta' l-annimali;

   (ċ) is-sistema tar-rekordjar ta' *pedigrees*;

   (d) id-definizzjoni ta' l-għanijiet tat-tgħammir tagħhom;

   (e) is-sistemi biex isir użu mid-data tal-kapaċità tal-bhejjem, li jgħinu l-valur ġenetiku ta' l-annimali li għandhom issirilhom stima;

   (f) id-diviżjoni tal-ktieb tal-merħla, jekk huma f'kondizzjonijiet differenti biex idaħħlu l-annimali jew jekk hemm proċeduri differenti għall-klassifikazzjoni ta' l-annimali li jidħlu fil-ktieb;

4. jkollhom l-artikoli ta' assoċjazzjoni, li jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn il-membri.